

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 6.12.2007
KUMM(2007) 778 finali

2007/0269 (COD)

Aġġustament għall-proċedura regolatorja bi skrutinju

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 dwar prospetti ta' l-istatistika
rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq, għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħiliet ta'
twettiq mogħtija lill-Kummissjoni**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1 Riforma tal-proċeduri tal-komitoloġija

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni¹ ġiet emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta' Lulju 2006².

L-Artikolu 5(a) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE emendata daħħlet proċedura regolatorja bi skrutinju għall-miżuri ta' ambitu ġenerali maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, fosthom billi jitneħħew uħud minn dawk l-elementi jew billi jkun supplimentat l-istrument biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali.

1.2. Armonizzazzjoni prijoritarja u armonizzazzjoni ġenerali

F'dikjarazzjoni kongunta³, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni waqqfu lista ta' strumenti bażiċi li kien urġenti li jaddattaw għad-deċiżjoni emendata sabiex tiddaħħal proċedura regolatorja bi skrutinju l-ġdida (armonizzazzjoni prijoritarja). Sabiex il-proċedura regolatorja bi skrutinju tkun applikabbli għall-istrumenti l-oħra adottati b'kodeċiżjoni diġà fis-seħħ fiż-żmien meta daħlet fis-seħħ id-Deċiżjoni 2006/512/KE, id-dikjarazzjoni konġunta titlob ukoll l-aġġustament ta' dawn l-istrumenti, skond il-proċeduri applikabbli (armonizzazzjoni ġenerali).

Il-Kummissjoni impenjat ruħa li tipproċedi għall-eżami ta' dawn l-istrumenti kollha, sabiex qabel l-aħħar ta' l-2007 tressaq il-proposti leġiżlattivi sabiex taddatahom, jekk meħtieġ, għall-proċedura regolatorja bi skrutinju l-ġdida⁴.

1.3. Metodu osservat

Kif diġà ssemma fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ta' (...), il-Kummissjoni wettqet eżami b'reqqa ta' l-istrumenti adottati kollha f'kodeċiżjoni, sabiex jidentifikaw dawk li jagħtu setgħat lill-Kummissjoni sabiex tadotta miżuri ġenerali li għandhom l-għan jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' l-istrument bażiku kkonċernat. B'hekk il-Kummissjoni setgħet tidentifika aktar minn 200 strument li kellhom jiġu addattati.

Fost dawn l-istrumenti, uħud jidhru fil-programm ta' kodifikazzjoni tal-Kummissjoni. Dan hu l-każ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 dwar prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq⁵. L-aġġustament għall-proċedura l-ġdida għandu jsir, skond l-istat ta' progress tal-proċess ta' kodifikazzjoni, jekk b'konverżjoni tal-proposta kkodifikata b'kitba mill-ġdid, jew, bħal f'dan il-każ, permezz ta' emenda leġiżlattiva.

¹ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

² ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11.

³ ĠU L 255, 21.10. 2006, p. 1.

⁴ PE 376.314v01-00 – A6-0236/2006 (dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa mar-rapport tal-Parlament).

⁵ ĠU L 163, 6.6.1998, p.1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 393, 30.12.2006, p.1)

2. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-aġġustament għandu l-għan idaħħal il-proċedura regolatorja bi skrutinju, bħalma hi organizzata mill-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE emendata.

F'dan il-każ, ir-Regolament (KE) Nru 1172/98, jistipula li l-Kummissjoni għandha s-setgħa taddatta l-karatteristiċi tal-ġabra tad-*data* u l-kontenut ta' l-annessi, tadotta rekwiżiti minimi ta' preċiżjoni tar-riżultati statistiċi trażmessi mill-Istati Membri u t-termini u l-kundizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni tar-regolament imsemmi, kif ukoll il-miżuri għall-aġġustament tiegħu għall-progress ekonomiku u tekniku. Billi dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jew billi jissupplimentaw dan ir-Regolament biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali ġodda, huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Peress li l-istrument bażiku hu regolament, l-aġġustament għandu jsir minn strument ekwivalenti.

Aġġustament għall-proċedura regolatorja bi skrutinju

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 dwar prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq, għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħiliet ta' twettiq mogħtija lill-Kummissjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni⁶,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁷,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁸,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 tal-25 ta' Mejju 1998 dwar prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq⁹ jistipula li ċerti miżuri għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jstabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar ta' setgħat ta' implimentazzjoni mgħoddija lill-Kummissjoni¹⁰.
- (2) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE kienet emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE, li introduċiet proċedura regolatorja bi skrutinju għal miżuri ta' ambitu ġenerali mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, fosthom billi tħassru wħud minn dawk l-elementi jew billi l-istrument kien supplementat biż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali.

⁶ ĠU C, ..., p. .

⁷ ĠU C, ..., p. .

⁸ ĠU C, ..., p. .

⁹ ĠU L 163, 6.6.1998, p.1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 393, 30.12.2006, p.1)

¹⁰ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

- (3) Skond l-istqarrija bi sħab tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni¹¹ dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE, biex din il-proċedura l-ġdida tkun applikabbli għal strumenti adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat li huma diġà fis-seħħ, dawn l-istrumenti jridu jkunu aġġustati skond il-proċeduri applikabbli.
- (4) F'dak li għandu x'jaqsam mar-Regolament (KE) Nru 1172/98, jistipula li l-Kummissjoni għandha s-setgħa taddatta l-karatteristiċi tal-ġabra tad-*data* u l-kontenut ta' l-annessi, tadotta rekwiżiti minimi ta' preċiżjoni tar-riżultati statistiċi trazzmessi mill-Istati Membri u t-termini u l-kundizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni tar-regolament imsemmi, kif ukoll il-miżuri għall-aġġustament tiegħu għall-progress ekonomiku u tekniku. Billi dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jew billi jissupplimentaw dan ir-Regolament biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali ġodda, huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 1972/98 għandu għalhekk ikun emendat kif xieraq,

¹¹ ĠU L 255, 21.10. 2006, p. 1.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1172/98 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3(4) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. "L-aġġustament tal-karatteristiċi tal-ġbir tad-*data* u l-kontenut ta' l-annessi għandhom jiġu addottati mill-Kummissjoni. Dawn il-miżuri maħsuba jemendaw l-elementi mhux meħtieġa ta' dan l-istrument huma implimentati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 10(3)".

(2) L-Artikolu 4 hu ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Il-preċiżjoni tar-riżultati

Il-metodi għall-ġbir u l-ipproċessar tad-*data* għandhom jiġu żviluppati biex jassiguraw li r-riżultati ta' l-istatistika trażmessi mill-Istati Membri jilhqgħu l-livelli minimi tal-preċiżjoni, waqt li jitqiesu l-karatteristiċi strutturali tat-trasport bit-triq fl-Istati Membri. L-eżiġenzi ta' preċiżjoni huma adottati mill-Kummissjoni. Dawn il-miżuri maħsuba jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-regolament billi jissupplimentawh huma implimentati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 10(3)".

(3) L-Artikolu 5, il-paragrafu (2) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

" 2. It-termini u l-kundizzjonijiet għat-trażmissjoni tad-*data* msemija fil-paragrafu 1, inklużi, jekk ikun hemm, l-iskedi statistiċi bbażati fuq din id-*data*, għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura speċifikata fl-Artikolu 10(2)".

(4) L-Artikolu 6 jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 6

Tixrid ta' riżultati

Id-dispożizzjonijiet dwar it-tixrid tar-riżultati ta' l-istatistika rigward it-trasport tal-merkanzija bit-triq, inklużi l-istruttura u l-kontenut tar-riżultati li għandhom jixxerdu, huma ddefiniti skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 10(2)".

(5) L-Artikolu 9 ġie emendat kif ġej :

(a) L-ewwel frażi tinbidel b'dan li ġej:

"Il-miżuri ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inklużi l-miżuri għall-aġġustament tiegħu b'riżq il-progress ekonomiku u tekniku, huma stabbiliti, sakemm dan ma jkunx jinvolvi żieda sproporzjonata ta' l-ispiża għall-Istati Membri u/jew piż fuq dawk li jirrispondu, b'konformità mal-proċeduri speċifikati fl-Artikolu 10".

(b) It-tieni u t-tielet subparagrafi li ġejjin huma miżjuda:

Il-miżuri msemmija fl-ewwel u fit-tieni daħla maħsuba jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-regolament, kif ukoll billi jissupplimentawh, huma implimentati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 10(3)".

Il-miżuri msemmija fit-tielet u fir-raba' daħla huma implimentati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(2).

(6) L-Artikolu 10 jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 10

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tal-Programm Statistiku stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom¹².

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1 sa 4 u 5a) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tiegħu.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

¹² ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.